MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 570/2012

**Nibe Marketing Limited (C46812)**

**vs.**

**Coralline Stone Malta Limited (C28298)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2012, li permezz tiegħu:

is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta ta' elfejn u ħamsa u sebgħin Ewro u tnax–il ċenteżmu (€2075.12) rappreżentanti ammont dovut għall-

merkanzija konsistenti f'ilma għax-xorb mibjugħa u kkonsenjata mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra s-soċjetà konvenuta, kif ukoll l-imgħaxijiet b'effett mis-6 ta' Marzu 2012 data tal-aħħar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-istess soċjeta` konvenuta li hija inġunta in subizzjoni.

Ra r-**risposta** tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fis-17 ta' Settembru 2012 fejn eċċepiet:

Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda merkanzija qatt ma ġiet mibjugħa jew ikkonsenjata lis-soċjetà konvenuta mis-soċjetà attriċi u għaldaqstant għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi;

Ra illi fil-15 t'April 2013, is-sojeta` konvenuta ippreżentat **nota t'ammissjoni** għall-ammont ta' tliet mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€383.76)

Ra illi fit-18 ta' Ġunju 2013, wara li ġiet debitament awtorizzata mit-Tribunal, is-soċjeta` konvenuta ippreżentat **risposta ulterjuri** illi permezz tagħha eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi huma preskritti bit-trapass ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr preġudizzju għas-somma ammessa mis-soċjeta` konvenuta waqt l-udjenza tal-15 t'April 2013.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tal-10 ta’ Ottubru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Provi**

Sema lil **Pierre Farrugia**, direttur u azzjonist tas-soċjeta` attriċi illi xehed illi jaf lis-so1).

Huwa spjega illi hemm xi fatturi li m’humiex iffirmati u dan għaliex peress li ġieli għamlu l-konsenja tax-xogħol fid-dar tas-Sur Galea, il-proċedura ħafna drabi kienet tkun illi Galea kienu jħallu numri ta’ flixkien vojta wara l-bieb, li s-soċjeta` attriċi kienet tissostitwixxi bi flixkien mimlijin.

Spjega li huma damu jiġru wara s-soċjeta’ konvenuta biex isir il-ħlas dovut kemm billi ċemplu wkoll billi bagħtu diversi statements. Fl-aħħar telefonata, is-soċjeta` konvenuta offriet biex minflok flus, is-soċjeta` attriċi titħallas billi tieħu madum mingħand is-soċjeta` konvenuta, liema offerta ma kinitx aċċettabbli għas-soċjeta` attriċi.

Sema lil **Andrew Xuereb**, delivery man mas-soċjeta’ attriċi li xehed kif huwa kien jagħmel konsenji lis-soċjeta’ Coralline Stone Malta Limited kemm fix-*showroom* li jisimha ‘Tiles and Marbles’ u wkoll fid-dar tad-direttur li tinsab faċċata tax-*showroom* f’H’Attard. Qal li meta kien jikkonsenja x-xogħol fix-*showroom* kienet tiffirmalhom persuna li huwa jafha bħala t-tifla tad-direttur. Rigward il-konsenja li kienet issir fid-dar, qal li Galea kienu jħallu numru ta’ fliexken barra, li huma kienu jissostitwixxu mingħajr ma jitolbu firma.

Xehed li huwa kien involut ukoll, billi ċirka darba fix-xahar, kien jikkonsenja wkoll statement fix-showroom, li kien jgħaddih lill-istess persuna, u li din qatt ma kkontestatu. Huwa kkonferma li l-fatturi esebiti huma dawk relattivi mal-każ. Huwa spjega illi xi drabi huma bħala ‘delivery men’

kienu jiffirmaw l-istess fattura biex jindikaw illi ma jkunu sabu ħadd id-dar iżda min-naħa tagħhom ikunu ikkonsenjaw ix-xogħol.

In kontro-eżami, huwa kkonferma illi mir-residenza qatt ma ħareġ ħadd u dejjem tħallew barra.

Sema wkoll lil **Victor Galea** direttur uniku tas-soċjeta' Coralline Stone Malta Limited. Qal li huwa joqgħod viċin l-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija. Għandu ftehim mas-soċjeta' attriċi sabiex jikkonsenjawlu l-ilma u dan il-ftehim kien illi NIBE iħallulu l-ilma biss meta jsibu tankijiet vojta barra. Meta ma jsibux fliexken vojta tal-ilma barra jew fil-parapett, huma ma kellhomx jikkonsenjawlu. Qal li huma bdew jirċievu 'statements' u huma bdew iċemplu biex isaqsu dwar dawn l-'istatements' u l-irċevuti li wrewhom xi wħud minnhom fihom firem illi m'humiex tagħhom. Qal illi kien hemm okkażjonijiet fejn is-soċjeta' attriċi ikkonsenjatlu l-ilma meta huwa ma ħalliex fliexken barra. Dwar dan huwa kien iċempel u jilmenta magħhom li għandhom iħallulu l-ilma biss meta jsibu l-fliexken barra. Pero' xorta waħda dan l-ilma kien jużah u ma kienx iħallih jintrema. Qal illi meta l-konsenja kienet issir id-dar, huma kienu sempliċiment iħallu l-fattura taħt il-bieb.

Qal li ċerti fatturi m'humiex kontestati u ċioe dawk li huma ffirmati minnu jew minn martu Josephine / Josette Galea. Huwa qed jikkontesta dawk il-fatturi fejn il-firma ma tingħarafx jew pjuttost m'humiex iffirmati għal kollox.

In kontro-eżami, ix-xhud qabel li seta kien hemm drabi fejn saret konsenja tal-ilma mingħajr ma kien hemm firma fuq il-fattura relattiva; qal illi iżda kien hemm drabi oħra fejn is-*salesman* jgħidlu li kien ħallielu l-ilma u hu ma jsib xejn. Spjega li t-triq fejn joqgħod hija traffikuża u minnha jgħaddu madwar tlett mitt ħaddiem kull filgħodu.

Huwa ma ċaħadx li qabel ma nfetħet il-kawża setgħet intbagħtet lilu ittra legali mis-soċjeta' attriċi. Qabel li kien ċempel wara li rċieva din l-ittra, anzi qal li mhux darba ċempel iżda diversi drabi fejn ilmenta li mhuwiex qed jaqbel mal-'istatement' li ġie esebit. M'eskludiex illi

f'waħda minn dawn it-telefonati huwa seta offra li minflok iħallas fi flus kontanti, jgħaddi xogħol ta' rħam u cioe' 'bartering' għaliex din hija prassi li jagħmel ma' diversi mis-*suppliers* tiegħu.

Reġa sema lill-istess **Victor Galea**, jixhed limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata fejn huwa ammetta li l-ammont ta' tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€383.76) huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi. Ċaħad illi hemm xi ammont ieħor dovut lill-istess soċjeta' attriċi u dana peress illi l-fatturi l-oħrajn esebiti m'humiex iffirmati minnu u huwa m'huwiex ser iħallas għall-fatturi li m'humiex tiegħu.

Mistoqsi, in kontro-eżami, jekk kienx hemm diversi drabi fejn kienu jeħdulu l-ilma u ħadd ma kien jiffirma għalih, wieġeb illi mhux suppost. Ikkonferma illi huwa ħa biss dak ix-xogħol illi ffirma għalih jew Josette / Josephine Galea li hija martu.

Mistoqsi jekk setax kien hemm xi drabi li l-ilma tħalla wara l-bieb tiegħu qal li jista' jkun iżda huwa qatt ma sab ilma wara l-bieb tiegħu. Spjega li huwa jgħix f'żona pjuttost industrijali u lanqas qasrija ma tista tħalli wara l-bieb għax jeħduha.

Mistoqsi allura kif fil-31 ta' Jannar 2013 kien xehed illi jista jkun li kien hemm xi konsenji li saru wara l-bieb tiegħu u dak in-nhar xehed l-oppost, qal li seta kien hemm okkażjonijiet waħdiet fejn il-mara kienet ma tiflaħx, tiftaħlu xorta waħda lis-sales man, minn fuq, biex tieħu l-ilma u tirritorna l-flixken pero' hi ma tkunx għamlet kuntatt mas-sales man fis-sens illi hi ma tkunx iffirmatlu u kollox isir minn wara l-bieb.

Reġa' xehed illi huwa minnu li mis-soċjeta` attriċi kienu jċemplulu għall-flus u li hu kien issuġerixxa illi minflok jagħtihom flus jagħmlu tpartit mal-irħam. Mistoqsi mit-Tribunal meta kienet l-aħħar darba illi staqsa lis-soċjeta' attriċi jekk iridux minflok iħallashom cash jagħmlu tpartit tax-xogħol, wieġeb li dan kien madwar sena jew sentejn

ilu. Mistoqsi jekk jikkonfermax illi dawn it-telefonati saru ftit qabel ma nfetħet din il-kawża, huwa qal  illi jista' jkun.

Sema lil **Amy England**, impjegata mas-soċjeta' attriċi. Xogħolha jinkludi li ċċempel lin-nies illi jkollhom jagħtuha l-flus.  Xehdet illi lil Coralline Stone kienu joħorġulhom diversi invoices u jibgħatuhomlom, uħud minnhom marret bihom hija stess, għalkemm qatt ma ltaqgħet mas-sid. Qalet illi meta kienet tmur tħalli l-istatement u ma ssibx hemmhekk lis-Sur Galea, kienet iċċempillu.  Is-sid tal-Coralline Stone kien jitlobha iktar żmien biex isir il-ħlas. Kienet iċċempel fuq mobile number li provdielhom is-sur Galea meta fetaħ il-kont mas-soċjeta` attriċi.

Xehdet illi darba fost l-oħrajn kienet ċemplitlu u hu kien weġibha billi qalilha tgħid lill- imgħallem illi hu għandu jagħtih dawk il-flus iżda jekk irid jeħodhom madum. Din it-telefonata saret ftit ġimgħat qabel ma nfetħet il-kawża.

Fuq domanda tat-Tribunal, hija xehdet illi kull meta ħallietlu l-istatement lis-sur Galea, dan qatt ma lmenta magħha li l-istatement kien għoli wisq jew li ma kellux iħallas daqshekk.

**Konsiderazzjonijiet**

<u>L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni</u>

Is-soċjeta` konvenuta qiegħda teċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jistipula:

***2148.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

Illi m'huwiex qed jiġi kontestat illi fil-każ odjern, l-artikolu preskrittiv ċitat huwa dak applikabbli għall-każ u dana tenut kont tal-fatt li jirriżulta li l-ilma kkonsenjat mis-

soċjeta` attriċi kien għall-użu personali tal-familja Galea u wkoll għall-użu personali fix-*showroom*. Huwa evidenti li dan il-każ jitratta ta' bejgħ bl-imnut u għalhekk l-artikolu ċitat huwa appikabbli.

Illi l-kwistjoni kollha hija jekk il-perjodu preskrittiv ġiex interrot bl-aġir tal-istess soċjeta` konvenuta.

Illi intqal fil-ġurisprudenza tagħna illi sempliċi kollokwi jew konverżazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur ma jammontawx għar-rikonoxximent tad-dejn u għalhekk ma jistgħux jinterrompu l-preskrizzjoni. Illi fil-każ odjern, kellek ċirkostanzi fejn is-soċjeta` attriċi kienet qed tikkonsenja statement lis-soċjeta` konvenuta u s-soċjeta` konvenuta ma taġixxiex fuqu. Sakemm kien hemm dan is-silenzju min-naħa konvenuta, dana ċertament li ma setax iwassal għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Iżda meta s-soċjeta` attriċi kienet iċċempel u titlob il-ħlas, is-Sur Galea kien jitlob aktar żmien. Din kienet ix-xhieda ta' Amy England, impjegata tas-soċjeta` attriċi, li t-Tribunal iħoss li għandha tiġi emmnuta. Hija fehma tat-Tribunal, illi meta kien qed jitlob iktar żmien, is-sur Galea kien qiegħed jammetti li hemm ammont dovut. Forsi ma kienx qed jaqbel dwar l-ammont (il-quantum) li kien dovut iżda ċertament kien qed jaċċetta li kien debitur tas-soċjeta` attriċi. Din l-aċċettazzjoni tirriżulta wkoll mill-fatt li huwa offra li jħallas bi tpartit ta' materjal minflok bi flus, ħaġa li stqarra l-istess Victor Galea fix-xhieda tiegħu. Illi fil-fehma tat-Tribunal dan huwa rikonoxximent tad-debitu li allura jwassal għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-aġir tal-konvenut kien tali li jinkwadra r-rekwiżiti meħtieġa għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u cioe 1) il-volontarjeta', 2) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut 3) l-inekwivoċita' u 4) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt ieħor li jimplika ammissjoni.

Illi hija fehma tat-Tribunal illi fil-każ odjern, minkejja li huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-preskrizzjoni ma ġietx interrotta b'att ġudizzjarju, madankollu bl-attitudni tagħha,

is-soċjeta` konvenuta poġġiet lilha nnifisha f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tagħha mal-preżunzjoni kostitwenti l-bażi tal-preskrizzjoni.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta u cioe illi t-talba tas-soċjeta` attriċi hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement ser jgħaddi biex jikkunsidra il-mertu ta' din il-kawża.

Il-Mertu

Dwar il-mertu tal-kawża, it-Tribunal għandu quddiemu biss kwistjoni tal-kredibilita` taż-żewġ partijiet.

Min-naħa attriċi, ix-xhieda kienu konsistenti dwar il-proċedura addottata għall-konsenja tal-ilma lis-soċjeta` konvenuta.

Il-konvenut min-naħa l-oħra biddel il-verżjoni tiegħu. Fil-bidu kien ammetta li kien hemm konsenji li saru wara l-bieb tiegħu, għalkemm uħud kienu kontestati, iżda iktar tard xehed illi qatt ma sab ilma wara l-bieb tad-dar.

Hemm ukoll l-argument li jressaq il-konvenut illi jekk l-ilma kien qed jitħalla wara biebu dana seta kien qed jiġi misruq mill-ħaddiema li jgħaddu minn quddiemu kull fil-għodu, verżjoni li ma tantx qed tingħata piż mit-Tribunal u dana għaliex hawn xi tratta minn fliexken tal-ilma kbar ta' dsatax-il litru u allura pjuttost tqal u goffi fid-daqs. Mhux faċli li wieħed ripetutivament jisraq numru minn dawn il-fliexken, fid-dawl tax-xemx, mingħajr ma jinqabad (xi drabi anke konsenji ta' sebat' ifliexken).

Pero` min-naħa l-oħra s-soċjeta` konvenuta għandha raġun ukoll meta tgħid li s-soċjeta` attriċi kellha r-responsabilita li titlob il-firma mal-konsenja, fl-ewwel lok bħala prova li l-konsenja saret u ġiet aċċettata, u fit-tieni lok għaliex is-sistema ta' konsenja mingħajr firma setgħet tat lok għall-abbuż min-naħa tas-soċjeta` attriċi.

Is-sur Galea, kien insista fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal li huwa kien qiegħed jikkontesta l-istatements tas-soċjeta` attriċi billi jċemplilhom, u ġieli infurmahom li minkejja li d-*deliveryman* jgħidlu li ħallieli l-ilma wara l-bieb, huwa ma sabx il-fliexken wara l-bieb. Is-soċjeta` attriċi min-naħa tagħha tgħid li s-sur Galea qatt ma kkontesta l-istatements. Dan kollu seta' jiġi evitat kieku l-fatturi kollha kienu ffirmati.

Tenut kont ta' dan kollu li ingħad hawn fuq it-Tribunal filwaqt li jħoss li n-naħa attriċi hija iktar kredibbli, peress illi m'għandux prova konkreta illi l-konsenja effettivament saret, qiegħed jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, iżda *arbitrio bono viri* qiegħed inaqqas is-somma ta' ħames mitt Ewro mill-ammont li s-soċjeta` attriċi għandha tirċievi mingħand is-soċjeta` konvenuta, u dan għaliex it-Tribunal huwa tal-fehma illi seta kien hemm abbuż min-naħa tas-soċjeta` attriċi billi l-konsenji kienu qegħdin isiru mingħajr il-firma tar-riċevitur.

**Deċide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din il-kawża billi:

a) Preliminarjament it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta u ċioe illi t-talba tas-soċjeta` attriċi hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fil-mertu, it-Tribunal qiegħed jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' elf, ħames mija u ħamsa u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€1575.12), u konsegwentement qiegħed jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi somma ta' elf, ħames mija u ħamsa u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€1575.12), bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 t'Awwissu 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

c) Rigward il-kap tal-ispejjeż, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi illi s-soċjeta` attriċi għandha tħallas kwart mill-ispejjeż tal-kawża filwaqt illi s-soċjeta` konvenuta għandha tħallas ir-rimanenti tliet kwarti.

ċjeta’ konvenuta peress li l-kumpanija tiegħu tikkonsenjalha ilma tad-dsatax il-litru, liema ilma kienu jikkonsenjawh kemm fis-*showroom* tas-soċjeta’ konvenuta li jisimha “Tiles & Marble” u wkoll fid-dar ta’ ċertu Victor Galea li jgħix faċċata tas-*showroom*. Victor Galea imexxi s-soċjeta’ konvenuta flimkien m’ uliedu. Huwa esebixxa prospett tax-xogħol li kkonsenjaw lis-soċjeta’ konvenuta (fol. 12), fejn il-bilanċ dovut inkluż il-VAT jammonta għal elfejn ħamsa u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€2,075.12). Esebixxa wkoll id-dettalji tas-soċjeta’ konvenuta li kiseb mill-kumpanija MACM (fol. 15) u wkoll ukoll sett ta’ fatturi relattivi għall-ammonti dovuti skond il-prospett (fol. 2

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------